`

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 25 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA

SUPT NICHOLAS CIAPPARA

VS

MICHAEL SCICLUNA

MARIO SCICLUNA

JESMOND GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Michael Scicluna ta' 22 sena, iben Maurice u Mary nee Bartolo, imwieled Qormi fit-2 t'Awissu 1975, u joqghod 80, Francis Square, Qormi numru tal-karta tal-identita 383875M, Mario Scicluna ta' 18 il-sena iben Maurice u Mary nee Bartolo, imwieled Pieta, fis-17 ta' Settembru 1979, u joqghod, 7 Sunflower, Triq il-Bhajra, Qormi numru tal-karta tal-identita 246381M u Jesmond Galea ta' 24 sena iben Saviour u Marianna nee Cassar, imwieled Marsa fl-1 t'April 1973 u joqghod Block 4, Flat 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi numru tal-karta tal-identita 223773M talli f'dawn il-gzejjer bejn l-1 t'Awissu 1997 u t-30 ta' Novembru 1997 kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kenux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-imortazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kenux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga imsemmija u meta ma kenux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga imsemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom

skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/I jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga, u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga imsemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kkommettew dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh.

Mario Scicluna wahdu talli f'dawn il-gzejjer, fil-15 ta' Dicembru 1997, u matul it-tlett xhur ta' qabel, saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta ghar-riskju ta' terzi persuni.

Jesmond Galea talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Jannar 1996, Awla 5.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jigu gudikati minn din il-Qorti kif wkoll l-artikoli tal-Avukat Generali, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2001 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tat-27 ta' Mejju 1998 fejn innominat lil Joseph Gaffiero, espert tal-kaligrafija, sabiex jezamina dok NC13 u jikkonpara mal-kaligrafija tad-diary ta' Jesmond Galea (Dok NC8).

Rat ir-relazzjoni minnu esebita u mahlufa.

Rat in-nomina tal-Perit Valerio Schembri u ir-relazzjoni minnu esebita u mahlufa.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat Jesmond Galea

L-imputat Michael Scicluna irrimetta ruhu ghall-provi.

L-imputat Mario Scicluna ma ammettiex ghall-akkuza tat-traffikar.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-8 ta' Settembru 1997 l-ufficjal prosekutur l-ufficjal prosekutur kien irceva informazzjoni illi certu Michael Scicluna kien qed jkun f'karozza Hyundai Accent Silver

Reg No. JAE 776 u kien qieghed ibiegh id-drogi fl-area tal-fabbrika tal-Lowenbrau.

L-ufficjal prosekutur xehed illi xi xhur qabel din id-data, il-pulizija ta' sikwit kienu qed jiehdu informazzjoni dwar l-istess Michael Scicluna u li kien hemm hutu ohrajn involuti u certu Jesmond Galea li kien isuq Honda CRX bajda u li kollha kienu qed jiddiljaw fid-drogi fl-inhawi ta' Hal Qormi.

Illi ghalhekk fit-8 ta' Settembru membri tal-iskwadra kontra d-drogi ghamlu tfittxija fil-karozza li fiha kien hemm tlett min-nies, Michael Scicluna, Francis Vella u Kurt Tabone.

Illi l-pulizija innotat illi sakemm il-karozza ta' Michael Scicluna giet mehuda il-kwartieri generali Scicluna gie osservat jarmi oggetti u cioe qartas li fih kien hemm xi trab suspettat fi droga. Dan il-qartas gie esebit bhala dok NC1.

Fil-karozza ta' Scicluna il-pulizija sabu is-somma ta' Lm694. Din is-somma globali kienet instabet mohbija f'diversi partijiet tal-karozza. Instab wkoll telefon tal-marka Ericcson.

Il-karozza Hyundai giet esebita bhala dok NC7.

Saru wkoll tfixxijiet fir-residenzi ta' Michael Scicluna, Francis Vella u Kurt Tabone. Ma instab xejn fir-residenza ta' Tabone u Vella izda fir-residenza ta' Michael Scicluna instab diary b'diversi telephone numbers illi kellu diversi pagni neqsin. (Dok NC8).

L-ufficjal prosekutur xehed illi meta l-qartas li Michael Scicluna kien rema mill-karozza, gie ezaminat bir-reqqa instab illi l-karta li intuzat bhala sachet kienet fuq letter head tal-Mid-Med Bank, Visa Card statement b'numru 4568820208091006, liema Visa Card tappartjeni lil Carmelo Scicluna li jigi hu l-imputat Michael Scicluna.

L-imputat Michael Scicluna ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu fl-istqarrija. Minkejja dan Michael Scicluna ammetta ma Supt Ciappara illi l-mobile phone u ic-cheques li instabu fuqu kienu tieghu.

Ghar-rigward tas-somma flus li instabu fil-karozza tieghu, Michael Scicluna spjega lil Supt Ciappara li Lm300 mill-ammont kienu gew mislufa lilu minn huh Mario (ko-imputat) u intizi sabiex ihallsu lill-avukat tieghu u dwar il-bqija kien lest li jispega ruhu il-Qorti.

Michael Scicluna baqa jsostni mas-Supt Ciappara illi huwa la qatt abbuza u l-anqas ma bejgh droga.

Fuq l-informazzjoni li giet moghti minn Michael Scicluna dwar il-provenjenza tal-flus, Supt Ciappara kien investiga lil Mario Scicluna u dan kien sostna illi kien ta lil huh Michael Lm100 li kienu fuqu ghaliex kien ser jilghab il-football u beza li kien ser jitlifhom waqt il-loghba. Innega li tah aktar flus jew li sellef xi flus lil huh Michael.

Fil-31 t'Ottubru tal-istess sena, il-pulizija inghataw aktar informazzjoni dwar Jesmond Galea u Michael Scicluna Illi ghalhekk il-pulizija marret fil-post indikat u cioe hdejn Ta' Farzina u sabu il-Honda CRX . Meta is-sewwieq ta' din il-karozza ra il-pulizija, harab minn fuq il-post u l-pulizija segwewh mill-qrib sakemm waqfuh hdejn l-iskola ta' San Bastjan. Is-sewwieq ta' din il-Honda kien l-imputat Jesmond Galea.

Fuq il-persuna u gol-karozza ta' Jesmond Galea ma instab xejn izda mir-residenza tieghu il-pulizija elevaw telecell Motorola 09476560 flimkien ma diary tan-1993 (Dok NC10).

Illi fil-kors tat-tfittxija fid-dar ta' Jesmond Galea, l-imputat Galea telaq il-barra u l-pulizija kellhom jigru warajh sabiex igibuh halli titkompla it-tfittxija.

Illi t-telecell tal-imputat Galea baqa mixghul mill-31 t'Ottubru sat-2 ta' Novembru u f'dan il-perjodu dahlu diversi telefonati minn nies dipendenti fuq id-droga li talbu sabiex jinqdew, min ried nofs gramma, min ried zewg grammi etc. (ara xhieda fol 31).

Mit-telefonati registrati li dahlu fuq dan il-mobile il-pulizija komplew l-indagini taghhom u gew arrestati u investigati il-persuni kollha illi ghamlu telefonati u dawn ikkonfermaw illi kienu jixtru droga daqqa min ghand Michael Scicluna u daqqa min ghand Jesmond Galea u Mario Scicluna.

Jesmond Galea irrilaxxa stqarrija li ghazel li jiffiirma u wiegeb diversi mistqosijiet waqt li ghazel li ma jirrispondiex ghal mistoqsijiet ohra. Galea ikkonferma li d-diary misjub fir-residenza tieghu u it-telecell kienu tieghu pero innega illi qatt innegozja fid-drogi.

Giei nvestigat Mario Scicluna u dana sostna illi qatt ma innegozja fi drogi. Ikkonferma li ommu kienet hallset deposit ghal karozza u li hu kien qed jkompli jhallasha Lm100 fix-xahar; ikkonferma illi huwa kien ghadu ma kellux licenzja tas-sewqan u minkejja dan li jmur "xi dawra 'l hawn u 'l hinn Hal Qormi".

PS964 xehed illi hu kien gie infurmat illi kien hemm xi persuna hdejn Lowenbrau Factory Qormi go Hyundai Silver JAE 776 u din kif intebhet bil-karozza tal-pulizija saqet b'velocita u l-pulizija irnexxielhom iwaqqfuha hdejn ir-roundabout tal-istess fabbrika.

PS564 ra lis-sewwieq tal-karozza jarmi xi haga illi wara irrizulta illi kienet sachet (Dok NC1). Ikkonferma illi fil-karozza kien hemm s-sewwieq,Michael Scicluna u Francis Vella u Kurt Tabone u li mit-tfittxija fl-istess karozza il-pulizija sabet Lm694 u cheque ta' Lm26.80 u mobile Ericcson.

PS564 ikkonferma l-oggetti esebiti.

PS1052 Paul Scerri xehed illi huma kellhom it-telecell ta' Jesmond Galea u li kienu qeghdin jirrispondi dan it-telefon u jiftehmu man-nies f'postijiet u jigbruhom.

Mal-ewwel telefonata huwa kien ftiehem illi kienu ser jiltaqghu hdejn it-telefon ta' hdejn ix-showroom tad-Daewoo u din il-persuna ingabret u ittiehdet fil-kustodja tal-pulizija.

It-tieni persuna li cemplet sar l-istess ftehim u ingabar wkoll u it-tielet telefonata il-persuna informat lill-pulizija li kienet gejja b'karozza b'deskrizzjoni tal-kulur u tal-marka u anki din giet arrestata mill-pulizija.

PS1356 xehed illi fil-31 t'Ottubru kien inghata struzzjonijiet sabiex issir tfittxija fir-residenza ta' Jesmond Galea go Triq id-Deheb fin, Qormi u kienet saret tfittxija l-ewwel fil-karozza tieghu Honda CRX imbaghad mir-residenza ta' Galea gew elevati diary u telecell Motorola.

Jesmond Galea gie identitfikat mill-istess xhud.

PS1356 xehed wkoll illi huwa jaf illi it-telecells daqqew kemm il-darba u li s-Surgent 1052 irrispondihom. Jaf wkoll illi kien sar ftehim sabiex jiltaqghu man-nies quddiem ix-showroom tad-Daewoo u minn hemmhekk kienu arrestaw liz-zewg persuni.

Fit-tieni ta' Novembru kienet saret l-istess procedura u gew arrestati tlett persuni ohra.

PS1356 kien irrisponda wahda mit-telefonati. Il-persuna identifikat ruhu bhala l-Buddu u riedu jgiblu tnejn, waqt li fit-telefonata l-ohra il-persuna talbet "xi naqra mill-bajda" u qallu biex jgiblu gramma. In-nies illi cemplu kienu qed jistaqsu ghal Jesmond.

PC1013 Debono ikkonferma l-istqarrija dok NC9.

Mario Chircop (fol 76) xehed illi hu kien gie arrestat waqt illi kien qieghed bil-karozza nru IAL 078 Renault u ikkonferma illi huwa kien xtara id-droga minghand Jesmond li gie indentifikat bhala l-imputat Jesmond Galea. Xehed illi kien cempillu fuq il-mobile 09476960 u qallu sabiex jgiblu id-droga hdejn il-club ta' Hal Qormi. Ghal dan in-nofs gramma droga huwa kien hallsu bejn Lm18 u Lm20.

Xehed illi hekk kien jaghmel sabiex jinqeda, jcempillu, jiftehmu fuq post, jaghtih il-flus u jiehu id-droga. Illi pero din id-darba kien cempel u qabduh il-pulizija ghax ma gharafhom.

Xehed illi huwa kien dejjem jistaqsi ghal Jesmond Galea u li dakinhar kienu ftehmu li jiltaqghu quddiem Marks And Spencers ta' Tas-Sliema fil-fatt mar hemmhekk u kellu jcempel xi tlett darbiet imbaghad fil-fatt kienu gew il-pulizija u gabruh.

Xehed illi kien xtara minghand Jesmond darba ohra, xi teltt ijiem qabel l-incident. Dakinhar huwa kien talab lil Jesmond jgiblu nofs gramma kokajina.

Xehed illi qabel kien jiehu l-eroina. Xehed wkoll illi apparti illi kien ha id-droga dik id-darba meta kien gie arrestat mill-pulizija u xi tlett ijiem qabel gie arrestat kien wkoll ha id-droga xi tlett gimghat qabel.

Ix-xhud Chircop ammetta illi dwar dan il-kaz huwa kien gie akkuzat bil-pussess ta' droga, kien ammetta u gie moghti sentejn probation.

Reuben Agius (fol 87 et seq) xehed illi huwa ghadu kemm ghadda minn proceduri kriminali ghal pussess ta' droga il-ghaliex kien gie maqbud mill-pulizija meta kien mar jixtri id-droga minghand certu Michael Scicluna min Hal Qormi.

Agius gharaf lill-imputat Michael Scicluna bhala l-istess persuna li minghandu kien xtara dawn id-drogi.

Xehed illi kienu ftehmu li jiltaqghu quddiem ix-xhowroom tad-Daewoo, u li kien cempillu fuq il-mobile. Xehed illi l-imputat Scicluna ghandu l-laqam ta' Morris.

Reuben Agius qal illi Michael Scicluna kellu karozza Hyundai Accent silver. Qal illi kien ilu jafu minn Settembru 1997 u li kien jixtri nofs gramma droga minghandu ghal prezz ta' Lm20 u li forsi kien xtara xi hames darbiet minghandu.

Xehed wkoll illi kien jara lil Jesmond Galea l-imputat, go karozza Honda CRX bajda u li darba ra lil dan Jesmond ma Michael Scicluna u ma huh Mario.

Dak inhar tal-incident xehed illi huwa kien cempel lil Michael Scicluna minn fuq il-mobile tieghu u li ser jiltaqghu hdejn ix-Showroom tad-Daewoo u li huwa ma kienx gharaf il-persuna li irrispondietu u li ghalhekk meta mar hdejn ix-showroom gie arrestat mill-pulizija.

Terrence Grech (fol 97 et seq) xehed illi huwa kien mar sabiex jixtri id-droga eroina minn Hal Qormi u kien gie moghti mobile telephone number u moghti struzzjonijiet sabiex jistaqsi ghal certu Jesmond. Illi huwa hallas Lm57 lil persuna ta statura qasira b'xahra isfar u gie moghti struzzjonijiet sabiex jistenna l-ground. Xhed illi din l-persuna ma kienitx wiehed mikll-imputati.

Ix-xhud gharaf lil imputat Jesmond Galea ghaliex kien jafu.

Wara diversi domandi u wara li gie kkonfrontat mal-istqarrija illi l-istess Grech kien ikkonferma quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, xehed illi kien jaf lil Jesmond u lil Michael, l-imputati, xi sitt xhur qabel l-incident u li

kien cempillhom sabiex jinqeda ghad-droga u kien ftiehem li jiltaqghu hdejn hanut jew phonebox. Kien semma wkoll lil  certu Lynthia Cassar.

Gie muri sitt ritratti u fihom kien gharaf lil Jesmond u lil Michael, l-imputati.

Xehed illi huwa meta kien ta l-istqarrija kien sick hafna u li kien sahanistra kien mar ghall-mistura.

Xehed illi huwa mhux lill Michael jew Jesmond  kien ta Lm57 izda lil wiehed li kien fil-ground. Dan kien qallu biex jmur jistenna hdejn tad-Daewoo u li ma ha xejn.

Spettur Nicholas Ciappara rega xehed u esebixxa stqarrija dok CSH ta' Mario Scicluna u tlett ritratti (Dok CSH1-3). Esebixxa dok CSH4 karti b'numri tat-telephone numbers misjuba fuq il-persuna ta' Reuben Agius u diversi karti misjuba fuq il-persuna ta' Paul Sultana (dok CSH4). Giet esebita siringa dok CSH6 misjuba fuq il-persuna ta' Mario Chircop.

WPS 45 Marisa Bartolo xehdet illi fit-8 ta' Novembru 1997 kienet qeghda fl-area tal-fabbrika Lowenbrau u rat karozza tal-imputat Michael Scicluna silver bl-imputat Scicluna jarmi xi haga mit-tieqa. Segwew lill-imputati u gabret il-pakkett li gie mormi minn Scicluna u li gie mghoddi imbaghad lill-pulizija.

Reuben Agius (fol 140 et seq) fit-tieni xhieda tieghu stqarr illi meta kien jinqeda ghad-droga minn ghand Michael, Jesmond kien jkun mieghu u gieli kien jkun mieghu Mario.

Xehed llli Mario Scicluna gieli pprovdieh bid-droga kokajina u li minghand Mario huwa xtara xi erba okkazzjonijiet u kull darba ha nofs gramma u kien jhallsu ghoxrin lira kull gramma.

Stqarr illi kien ghamel xi perjodu ta' xi xahrejn jixtri dejjem minghand l-ahwa Scicluna id-droga kokajina. Xehed ili ghal rigward ta' Jesmond dan gieli tah droga pero meta kien jkun mal-ahwa Scicluna. Minghand Jesmond wahdu qatt ma xtara.

Xehed illi l-mobile ta' Jesmond kien 09476560 u li dan il-mobile gieli kien jkun ghand l-ahwa Scicluna wkoll. (fol 142-143) Qal illi Jesmond kellu karozza Honda CRX li kien ikun biha meta kien jbiegh id-droga.

Agius qal illi meta kien jcempel fuq in-numru 09476560 gieli kien jirrispondieh Jesmond u gieli l-ahwa Scicluna u li meta kienu jiftehmu biex jiltaqghu kienu jiftehmu situs hdejn ix-showroom tad-Daewoo jew vicin ic-cimiterju ta' San Bastjan Hal Qormi.

Ix-xhud gharaf ir-ritratti dok CSH 1 sa 3 u lill-imputat Mario Scicluna. Xehed illi ghar-rigward bicca karta esebita bhala dok CSH4 li fuqha hemm in-number 09470406, xehed illi din il-karta giet moghtija lilu minn wiehed mit-tlett imputati. Li l-karta rigwardanti in-numru 0973360 u 0991741 huma telephone numbers ta' hbieb tieghu.

Paul Sultana (fol 146 et seq) xehed illi huwa ghadda minn proceduri kriminali fuq pussess ta' droga eroina u gie sentenzjat. Xehed illi huwa maghrufa bil-laqam "Iz-Zuba". Xehed illi kien xtara id-droga darba wahda biss f'Ottubru 1997 u dana minghand Michael li gie indikat bhala l-imputat fl-awla bi prezz ta' Lm20. Kellhom jiltaqghu hdejn id-Daewoo f'Hal Qormi, fil-fatt hekk gara u kien gie moghti nofs gramma. Il-persuna kienet giet f'karozza Jeep hadra.

Wara xahar kien rega cempel lil Michael, sar il-ftehim u kien gie arrestat fil-ghaxija. Meta kien cempel lil Michael kien infurmah illi kien l-Ghawdxi u il-ftehim kien illi ser jiltaqghu hdejn il-kaxxa tat-telephone max-showroom tad-Daewoo u meta mar kien gie arrestat.

Xehed illi meta kien gie interrogat kien gie muri ritratti dok A1 u A2 u li kien gharaf lill-imputat Michael Scicluna bhala l-persuna li minghandha kien xtara id-droga.

PS951 Tonna (fol 153) xehed illi kien inghata struzzjonijiet fit-31 t'Ottubru 1997 biex jaghmlu tfittxija fuq Jesmond Galea li gie misjub hdejn l-iskola ta' San Gorg Qormi. Saret tfittxija fil-karozza u ohra fir-residenza tieghu fejn gie elevat diary b'xi folji neqsin u mobile phone. Ikkonferma li l-imputat kien harbilhom u li kienu regghgu qabduh ftit boghod mid-dar.

Fl-1 ta' Novembru kienu irrispondew it-telephone tieghu u kienu ftehmu li jiltaqghu ma min ried jinqeda ghad-droga hdejn Marks and Spencers Tas-Sliema u hemm hekk kienu arrestaw lil Mario Chircop.

PC733 Joseph Galea (ara fol 156) xehed illi huma fuq informazzjoni anonima kienu intbaghtu hdejn il-fabbrika tal-Lowenbrau Qormi, fejn sabu karozza Accent Silver Nru JAE776 ghaddejja karozza tad-drug section issegwiha u ghalhekk huma segwewha wkoll.

F'hin minnhom raw id-driver tal-karozza iwaddab xi haga barra.

WPS 45 sabet l-oggett mitfugh barra u ghaddielha lill-pulizija, waqt illi t-tlett persuna li kienu fil-karozza gew mehuda d-depot. Il-Hyundai accent kienet qed tigi misjuqa minn Michael Scicluna

PC733 ikonferma l-istqarrija ta' Mario Scicluna.

PC735 David Mizzi ikkonferma ix-xhieda ta' PC733 u zied jghid illi huma ghamlu search fuq l-imputat Michael Scicluna, fuq Kurt Tabone u fuq Francis Vella.

Ikkonferma l-istqarrija dok NC11u l-istqarrija ta' Jesmond Galea u gharaf liz-zewg imputati.

PCTrevor Cassar Mallia (fol 164) kien fil-karozza ma PC564 u PC123 u osservaw karozza Hyundai Accent Silver. Is-sewwieq tal-karozza f'dan wahda saq bi speed eccessiv u ghalhekk huwa segwieh.

Il-karozza waqfet, jaf li l-pulizija gabru qartas li gie mormi mill-karozza u saret tfittxija fuq l-imputati Scicluna u z-zewg persuni l-ohra li kienu fil-karozza. Gew elevati Lm694 mill-karozza.

PC10 xehed illi meta investigaw sabu li l-qartas kien maghmul minn karta tal-Bank tal-qraba tal-imputat Scicluna.

A fol 171 Terrence Grech rega ikkonferma ix-xhieda li kien ta quddiem din il-Qorti.u zied jghid illi wara li kien gie ingannat minn flusu, kien kellem lil xi nies illi tawh it-telecell number u qalulu sabiex jistaqsi ghal Jesmond u ghal Michael u meta cempel fuq dak in-numru qalilhom illi kien il-"Buddu" peress illi kien il-laqam tieghu u talab ghal zewg grammi. Il-ftehim kien illi jiltaqghu hdejn ix-showroom tad-Daewoo u hu mar hemmhekk u kien gie maqbud mill-pulizija.

Kurt Tabone a fol 177 xehed illi huwa kien iltaqa ma Francis Vella u Michael Scicluna. Xehed illi huma kienu marru il-Marsa sabiex jsibu xi tfajliet hbieb taghhom pero ma sabuhomx. Hdejn ir-roundabout tal-Lowenbrau kienu waqfuhom il-pulizija. Tabone kien bilqeghda wara, Vella quddiem u l-imputat Michael Scicluna kien qed jsuq.

Xehed illi huwa ma tefa xejn mit-tieqa u ma ra lil hadd iehor jitfa xi haga il-barra.

A fol 179 Francis Vella ikkonferma ix-xhieda ta' Kurt Tabone. Ikkonferma fejn kien hu bilqeghda fil "front passenger seat" fil-karozza Hyundai u ma ra lil hadd jitfa xejn il-barra mill-karozza.

Brian Farrugia, a fol 181, mill-ufficjal tal-Licenzji xehed illi Mario Scicluna, l-imputat, IDNo 246381M ma kellux licenzja tas-sewqan fis-26 ta' Settembru 1997 u minhabba li kellu sentenza ta' diskwalifikazzjoni tal-istess, l-ufficju tal-Licenzji kien zammlu il-licenzja sat-3 t'Ottubru 1998.

Il-vettura nru JAE 776 hija registrata fuq Carmelo Scicluna Id No 532371M.

PC123 Galea ikkonferma illi huwa kien gie moghti struzzjonijiet sabiex jaccedi ghal-din ir-"roundabout" tal-Lowenbrau u li kif waslu sabu il-karozza suspettata li meta ghamlulha sinjal saqet bil-qawwa. Il-pulizija intercettatha u saret tfittxija fuq it-tlett persuni riekba fil-karozza li wiehed minnhom kien l-imputat Scicluna. Dan kien is-sewwieq tal-vettura dakinhar.

Saret tfittxija fl-inhawi stante li xi hadd mill-karozza kien rema xi haga barra.

PC536 Jason Caruana xehed li kien flimkien ma PC1004 u kienu qeghdin jirrispondu telecell u jaghmlu ftehim fittizzju u fil-fatt marru hdejn Marks and Spencers ix-Xatt ta' Tas-Sliema wara telefonata u arrestaw lil Mario Chircop li fuqu kellu siringa gdida.

Spizjar Mario Mifsud ikkonferma ir-relazzjoni tieghu li tinsab a fol 201 et seq u iddikjara illi l-ezebbit 98BME01 kien eroina.

Mario Chircop a fol 219 rega ikkonferma ix-xhieda tieghu.

PC1004 Calleja xehed illi kien ma PC23 jirrispondi t-telecell ta' Jesmond Galea fuq struzzjonijiet tas-Supt Nicholas Ciappara. Ikkonferma li cemplet persuna u sar ftehim sabiex jiltaqghu hdejn Marks and Spencers Sliema u hekk sar u fil-fatt meta accedew hemmhekk sabu lil Mario Chircop u arrestawh. Fuq il-persuna tieghu sabu siringa gdida. Fuq

it-telephone huwa kien talab ghal nofs pakkett u dan kien cempel xi tlett darbiet.

A fol 243 PC1013 ikkonferma l-istqarriji ta' Terrence Grech, Paul Sultana u Rueben Agius.

Spettur Ciappara fol 260 esebixxa diversi sentenzi

Dr Sandra Sladden in rappresentanza tal-Vodafone, fol 274, xehdet illi Michael Scicluna ID 383875M kellu Vodafone number 0977946 u dan gie kkonnettjat fit-8 ta' Jannar 1997. (kuntratt esebit dok MS1).

Mario Scicluna kellu telecell numru 0971320 konness fl-1 t'April 1997 – dok MS2.

Jesmond Galea kellu telecell numru 0976560 konness fil-15 ta' Novembru 1996 – dok MS3 u MS4.

Ikkonfermat illi n-numru 0977946 kien ta' Michael Scicluna u li 0976560 kien ta' Jesmond Galea.

PC23 ikkonferma illi huwa fuq struzzjonijiet ta' Supt Ciappara kien qed jirrispondi il-mobile ta' Jesmond Galea u fil-fatt saru xi telefonati, saru ftehim li ghandhom jiltaqghu hdejn ix-showroom tad-Daewoo, acceddew ghal hemm u hemm sabu lil Paul Sultana u Raymond Refalo u arrestawhom.

Kevin Costa, tal-Mid Med Bank, ikkonferma illi l-Visa Card 4568820226141007 kienet f'isem Rita Scicluna u l-card 4568820208091006 kienet f'isem Alfred Scicluna Id Card no 446170M (Dok K1 u K2).

PS282 Grech ha l-impronti digitali tal-imputati.

Ir-rapport ta' Joseph Gaffiero huwa fl-affermattiv fis-sens illi l-espert sab ili il-persuna li kiteb NC13 huwa l-istess persuna li kiteb fid-diary u cioe huwa l-istess persuna ta' Jesmond Galea.

Gew sodisfacentement ikkonfermati l-esperti nominati fl-inkjesta kif wkoll ir-relazzjonijiet minnhom esebiti.

PC1473 Deguara ikkonferma is-search illi wettaq fuq il-persuna ta' Jesmond Galea, fuq il-karozza tieghu Honda CRX u fuq id-dar tieghu min fejn gew elevati mobile phone, karti maqtugha f'forma ta' kaxxi u affarijiet ohra relatati mad-droga.

Ikkonferma wkoll l-istqarrija ta' Martin Pirotta.

Martin Pirotta ghazel li ma jixhidx stante li l-proceduri kriminali kontra tieghu kienu ghadhom mhumiex konkjuzi.

Brooks Lia (fol 598) xhed illi huwa kien irrilaxxa stqarrija lill-pulizija u li hu kien ikkonfermaha quddiem il-Mag. Dr Noel Cuschieri. Xehed illi huwa kien wehel multa ta' Lm150 fuq pussess ta' droga.

Dawn id-drogi huwa kien akkwistahom minghand Jesmond Galea illi kellu karozza Honda CRX111. Lia gharaf lill-imputat Galea bhala l-persuna li minghandha kien xtara id-droga. Xehed illi ghal pakkett kien ihallas Lm10 u biex jakkwista d-droga kien icempillu fuq mobile. Rigward n-number ta' dan il-mobile hu kien tah lil Spettur Harrison. Kienu jiftehmu li jiltaqghu hdejn il-Capri Sun jew id-Daewoo u kien jghaddielu id-droga Jesmond Galea personalment.

Xhed illi huwa kien jixtri id-droga xi darbtejn fil-gimgha

Noel Farrugia a fol 648 xehed illi huwa kien gie arrestat mill-pulizija u li peress li kien dipendenti fuq id-droga kien talab illi jmur id-Detox. Xehed illi huwa kien jabbuza mill-eroina u li din kien jakkwistaha

minghand Jesmond Galea. Farrugia gharaf lill-imputat presenti fl-awla, qal kellu l-laqam "“tac-Cejca"”u li kien jsuq Honda CRX bajda. Kien icempillu fuq telecell li n-numru ghaddieh lill-pulizija, u kien jiftiehem li jiltaqa mieghu hdejn il-venda ta’ Birkirkara.

Fit-tieni xhieda ta’ Noel Farrugia (fol 659) xehed illi huwa kien jiltaqa biex jiehu d-droga hdejn il-flats tal-Gvern ta’ Hal Qormi fejn hemm gabbana tax-xorb u ikkonferma quddiem din il-Qorti l-istqarrija li kien ghamel li diga kienet giet ikkonfermata quddiem il-Mag. Dr . Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Fl-10 t’April 2000 il-Qorti zammet access u semghet ix-xhieda ta’ Noel Farrugia li hadha fuq il-post min fejn kien xtara id-droga minghand Jesmond Galea u cioe fil-pjazza faccata tal-iskola primarja tal-bniet ta’ San Gorg Qormi. (fol 673)

Martin Pirotta (fol 701) xehed illi huwa kien dipendenti fuq l-eroina u li huwa kien ghamel stqarrija quddiem Spettur Aquilina u li kien inqabad mill-pulizija b’erba pakketti ta’ droga fuqu.

Xehed illi Spettur Aquilina kien staqsieh jekk kienx jaf lil ta’ Maurice minn Hal Qormi, wiegbu fl-affermattiv u meta qallu ta’ Michael ta’ Hal Qormi wiegbu wkoll fl-affermattiv.

Pirotta xehed illi huwa kien qal fl-istqarrija tieghu li kien xtara id-droga minghand dan Michael u gharaf lill-imputat Michael Scicluna. Xehed li kien ihallas Lm20 u ikkonferma l-istqarrija tieghu tal-1 u tat-2 ta’ Marzu 1998 u ikkonferma li f’dawn l-istqarrijiet kien qed jghid il-verita.

A fol 746 il-prosekuzzjoni gabet il-prova illi l-Hyundai Acent nru JAE 776 tghajjat lil Carmelo Scicluna.

Perit Valerio Schembri ikkonferma illi d-distanzi bejn l-post li gie indikat minn Noel Farrugia ghal playing field kien 13 il-metru waqt li ghall-kancell tal-iskola kien 4.3 metri.

Illi mill-post indikat minn Mario Chircop ghal playing field kien hemm 77.4 metri.

Gew esebiti diversi rapporti positivi mill-Komunita ta' Sedqa u il-Qorti kienet innominat lil Carmen Nygaard sabiex taghmel a pre sentencing report li qeghdin in atti.

Ikkunsidrat:-

Illi minhabba li Jesmond Galea ammetta l-akkuzi kif dedotti din il-Qorti ser tiffoka biss fuq il-provi illi hemm fl-atti kontra jew favur l-ahwa Scicluna.

Illi ghar-rigward ta' Michael Scicluna, hemm provi skjaccanti illi huwa kien il-mohh dwar cirku ta' traffikanti addoloxxenti ta drogi .

Illi hawnhekk non si tratta ta' xhud wiehed biss li ddinunzja lill-imputati, hawnhekk si tratta ta' sensiela ta' drug users li xi whud b'mod volontier u xi whud bl-iktar mod bezaghan u riluttanti indikaw lill-imputat Michael Scicluna u dana b'manjiera preciza, b'telephone number ezatti, b'dettalji dwar il-quantum ta' flus ghal liema droga u il-post preciz fejn kienu jiltaqghu. Tant hu hekk illi f'operazzjoni tal-pulizija tad-drug squad il-prosekuzzjoni irnexxielha tissekwestra telecell tal-imputati, zammithom operanti ghall-perjodu sostanzjali sabiex b'hekk drug users kienu cemplu fuq dawk in-numbers biex jakkwistaw id-droga, sar ftehim fittizju u gew maqbuda mill-pulizija u reprodotti bhala xhieda f'din il-kawza..

Illi fil-konfront ta' Mario Scicluna jesisti wkoll provi bizzejjed biex jikkantenaw lill-istess Mario Scicluna fir-reat ta' traffikar stante ix-

xhieda kompromettenti ta' Reuben Agius (fol 140-143) illi jghid b'mod car illi anke Mario Scicluna kien jghaddielu id-droga.

Il-Qorti taghmel accenn hawnhekk wkoll illi x-xhieda ta' Reuben Agius giet moghtija viva voce quddiem din il-Qorti apparti li kienet giet moghtija f'istqarrija u sussegwentement giet kkonfermata mill-Magistrat tal-Ghassa.

Gie sodisfacentement ipprovat wkoll illi Mario Scicluna kien qed jsuq meta kien ghadu ma ghalaqx tmintax il-sena u ghalhekk ma kellux licenzja u li apparti min dan kien diga gie moghti sentenza ohra mill-Qorti ohra fejn l-appilkazzjoni tieghu ghal-licenzja giet sospiza sa Ottubru 1998. Illi ghalhekk l-anqas ma kien kopert minn polza ta' sigurta'.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat:
Michael Scicluna hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza,
Mario Scicluna hati tat-tieni, it-tielet u r-raba akkuza, u
Jesmond Galea hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza;
U wara li rat art 22(2) 2nd proviso, ir-regolamenti kollha taht it-Taqsima 4 u 6 kif wkoll l-iskeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101, u Regolament 4 u 8 tal-Avviz Legali 292/1939, Art 15(1)(a)tal-kap 65, art 3(1)(2) tal-kap 104, u Art 10(1)(a) tal-kap 152 u Art 37 tal-kap 9 u tikkundannahom ghal 27 xahar prigunerija li minnhom jridu jitnaqqsu iz-zmien li l-imputati qattghu f'arrest preventiv. Inoltre tikundannahom ihallsu kull wiehed multa ta' Lm500 li ghandha tithallas fi zmien sena; lil Mario Scicluna wahdu tissospendielu il-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

In oltre tordna il-konfiska tal-flus esebiti ma dawn l-atti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.